# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 24/15 JVC**

**Moses Briffa**

**v.**

**Nathalina Briffa**

Preliminari

1. Dan huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-intimata Nathalina Briffa [l-intimata] u l-iehor incidentali maghmul mir-rikorrent Moses Briffa [ir-rikorrent] mis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu 2017 [is-sentenza appellata], mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ddikjarat li ma kellha l-ebda kompetenza tvarja s-somma globali ta' manteniment miftehma bejn il-partijiet ta' €71,400 fil-kuntratt ta'

separazzjoni tat-3 ta' Awwissu 2012, u ma laqghetx it-talba tar-rikorrent sabiex tbiddel is-somma mensili dovuta minnu sakemm tinbiegh id-dar matrimoniali, iddecidiet kif gej:

> "1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-mezzi finanziari tal-attur nbidlu minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tat- 3 ta' Awissu, 2012;
>
> "2. Tilqa' t-tieni talba tal-attur limitatament billi tordna li l-attur, mid-data ta' din id-decizjoni 'l quddiem, pendenti l-bejgh tal-fond matrimonjali skont il-kuntratt, jissoministra lill-konvenuta retta alimentari ta' mitt Euro fix-xahar [€100] filwaqt li izda thalli mpregudikata s-somma ta' tliet mija u hamsin Euro fix-xahar [€350] maqbula bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni ai fini ta' kalkolazzjoni tal-pagament 'lump sum', mal-bejgh tal-fond matrimonjali li fit-total tieghu qed jidhalla nvarjat ghas-somma ta' wiehed u seghi elf u erba' mitt Euro [€71,400];
>
> "3. Stante li f'kaz li tordna l-applikazzjoni retroattiva ta' din id-decizjoni jkun ifisser lil-konvenuta ma tigix fl-istess sitwazzjoni finanzjarja presso o poco tal-attur kif gie deciz minn din il-Qorti aktar il-fuq, tichad it-tielet talba attrici;
>
> "4. Tichad ir-raba' talba attrici.
>
> "Bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet".

<u>Il-Fatti</u>

2. Din il-kawza hi dwar il-manteniment mensili li hu dovut mir-rikorrent lill-intimata skont il-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejniethom fit-3 ta' Awwissu 2012 fl-atti tan-Nutar Dott. Enzo Dimech [kuntratt ta' separazzjoni] [1] wara d-debita awtorizazzjoni tal-ewwel Qorti, u konsegwentement ukoll dwar il- *lump sum payment* dovut meta tinbiegh id-dar matrimonjali u li jirrapprezenta l-manteniment mensili dovut bil-

[1] A fol. 5 sa 15.

quddiem. Hemm kien gie miftiehem li r-rikorrent kellu jhallas is-somma ta' €350 fix-xahar rapprezentanti l-manteniment mensili lil martu l-intimata. Il-hlas ta' manteniment dovut kellu jieqaf hekk kif tinbiegh id-dar matrimonjali u minflok, jithallas *lump sum payment* ta' €71,400 ghas saldu ta' dak il-manteniment dovut wara d-data tal-bejgh ta' dak il-fond u li minnu kellu jitnaqqas il-manteniment imhallas sa dakinhar. Fil-frattemp, ir-rikorrent biddel l-impjieg tieghu u minn xoghol ma' Unec Ltd. fejn kien jaqla' madwar €1,330 fix-xahar, hu qabad jiggestixxi *snack bar* bhala persuna li thaddem lilha nnifisha. Izda l-previzjonijiet tieghu li jmur tajjeb ma sehhewx u rega' mar lura ghal impjieg din id-darba mal-Paradise Bay Hotel Ltd bi dhul mensili ta' bejn €800 u €900 skont is-sighat ta' *over-time* li jaghmel.

<u>Mertu</u>

3. Illi ghalhekk ir-rikorrent fetah dawn il-proceduri permezz ta' rikors guramentat ipprezentat fis-26 ta' Ottubru 2015, fejn talab lill- ewwel Qorti:

> "i. Tiddikjara li l-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti nbiddlu minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tat- 3 ta' Awissu 2012;
>
> "ii. Tordna c-cessjoni/rexxissjoni jew varjazzjoni tal-ordni da parti tar-rikorrenti li jissoministra lill-intimata r-retta alimentari li huwa tenut li jissoministra ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi;
>
> "iii. Tordna li c-cessjoni/rexxissjoni jew varjazzjoni tal-obbligu tar-rikorrenti fir-rigward tar-retta alimentari tibda topera restrospettivament mid-data ta' meta id-dhul tar-rikorrenti naqas sostanzjalment;
>
> "iv. Tordna r-riduzzjoni tal- lump sum payment provdut fil-kuntratt, rappresentati hlas ta' manteniment bil-quddiem, a proporzjon tal-mod

> kif l-istess Qorti tordna c-cessjoni/rexxissjoni jew varjazzjoni fl-obbligu tal-hlas tal-imsemmija retta alimentari.
>
> "Bl-ispejjez kontra l-intimata".

4. L-intimata pprezentat ir-risposta guramentata taghha fil-11 ta' Novembru 2015, fejn eccepiet li: preliminarjament [1] skont il-kuntratt ta' separazzjoni l-kompetenza tal-qorti kienet giet eskluza u kwalsiasi tibdil seta' biss isir permezz ta' qbil bejn il-partijiet; dwar il-mertu [2] l-allegazzjoni li fuqha hi msejsa l-kawza hi proprju infondata fil-fatt u fid-dritt; [3] l-attur ma jistax jistrieh fuq in-nuqqas ta' ghaqal tieghu biex igieghel lil martu terfa' l-piz tad-decizjonijiet zbaljati tieghu; [4] it-tielet talba tieghu ma setghetx tintlaqa' ghaliex il-kuntratt ta' separazzjoni jibqa' fis-sehh sakemm jigi varjat bil-kunsens tal-partijiet jew permezz ta' sentenza tal-qorti; [5] il- *lump sum payment* bl-ebda mod ma kellu jinbidel.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Marzu 2017, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti f'din il-kawza tista' tghid li hemm qbil bejn il-partijiet dwarhom. Il-partijiet kienu mizzewgin izda sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr. Enzo Dimech datat 3 ta' Awissu, 2012. Kopja ta' dan il-kuntratt tinsab esebita a fol. 5 et seq tal-process. F'dak il-kuntratt il-partijiet fir-rigward ta' manteniment dovut lill-mara u l-bejgh tad-dar matrimonjali ftehmu kif isegwi:
>
> "'**Manteniment**
>
> "Ir-ragel ghandu jikkontribwixxi is-somma ta' tliet mija u hamsin (€350) fix-xahar lill-mara in linea ta' manteniment . . . .

"Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sa dik id-data meta tinbiegh id-dar matrimonjali u jsir il-pagament bhala *lump sup payment* hekk kif dettaljat aktar 'il isfel f'dan l-atti.

"Salv ghall-hlas ta' manteniment hawn fuq stipulat, il-mara qed tirrinunzja ghal kwalunkwe pretensjoni ta' hlas ta' manteniment minghand zewgha b'effett minn meta tinbiegh id-dar matrimonajli tal-partijiet u jsir il-*lump sum payment* imsemmi. . . .

"Il-partijiet jaqblu li d-dar matrimonjali m'ghandhiex tinbiegh bi prezz li huwa anqas minn tliet mija u sebghin elf ewro (€373,000). . .

"Fuq l-att tal-bejgh finali, ir-ragel ikun obbligat sabiex huwa jhallas is-somma ta' wiehed u sebghin elf u erba' mitt Euro (€71,400) mis-sehem spettanti lilu mill-begjh ta' l-imsemmija dar matrimonjali lill-mara bhala *lump sum payment* ta' manteniment bil-quddiem. F'din l-eventwalita'ma jkun dovut ebda hlas ulterjuri ta' manteniment da parti tar-ragel lill-mara. Mill-ammont imsemmi ta' wiehed u sebghin elf u erba' mitt Euro (€71,400) ghandha titnaqqas somma ekwivalenti ghall-hlas ta' manteniment effettiv li jkun thallas mid-data ta' dan l-att, filwaqt li sad-data ta' bejgh tad-dar se jkunu thallsu diversi pagamenti ta' manteniment fix-xahar, kif miftiehem iktar – 'il fuq f'dan l-att . . .

"Il-partijiet jaqblu illi dan il-kuntratt huwa per saldu ghad-drittijiet u pretensjonijiet reciproci kollha u li ebda disposizzjoni minnu ma tista' tigi mibdula ghall-ebda raguni kemm pre-ezistenti kif ukoll soppravenjenti nkluza l-annullament taz-zwieg jew id-divorzju, hlief jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet.'

"Fiz-zmien li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni mhux kontestat li filwaqt li l-mara ma kinitx tahdem, l-attur kien jahdem mal-kumpanija bl-isem ta' Unec Ltd. u li kellu paga netta fix-xahar ta' madwar elf, tliet mija u tnejn u tletin Euro (€1332) (fol. 43). Jirrizulta wkoll li fis-sena 2014 l-attur ha d-decizjoni li jieqaf mix-xoghol li kellu u jittanta xortih b'hanut 'snack-bar' gewwa Attard (kuntratt tal-kirja a fol. 46) u dan ghaliex, skont kif irrizulta mill-provi, mhux b'kapricc izda ghaliex kien konvint li seta' jaghmel aktar qliegh mill-paga li kien qed jircievi. Jirrizulta li l-attur l-ewwel kien ser jiehu dan in-negozju ma' terza persuna estranja mill-familja tieghu izda wara diskussjonijiet kemm ma' martu l-konvenuta u ma' uliedu gie deciz li l-gestjoni tkun f'ismu u jghinuh ulied il-partijiet. Fl-atti gew prezentati provi ampji fosthom ix-xhieda tal-istess attur, ta' uliedu Errol u Anthony Briffa kif ukoll tal-'accountant' Tony Fiorini (fol. 52 u 113) li jevidenzjaw li ghalkemm l-attur beda dan in-negozju b'kull intenzjoni li jaghmel aktar flus ghalih minn kemm kellu paga precedentement, il-previzjonijiet tieghu kienu zbaljati tant li ghalkemm l-attur issellef anki xi flus ghal dan l-investiment, wara sena dan in-negozju kellu jinghalaq. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-attur ghadu sal-lum ihallas lura dejn relatat ma' dan in-negozju. Wara li waqaf minn negozju l-attur sab xoghol iehor sa mill-5 ta' Ottubru, 2015 mal-Paradise Bay

Hotel fejn izda jirrizulta li ghandu anqas paga minn kemm kellu qabel b'paga netta ta' bejn tmien mija (€800) u disa' mitt Euro (€900) fix-xahar dipendenti wkoll fuq l-ammont ta' *overtime* li jinhadem (ara fol 51 u x-xhieda ta' Martin Scerri a fol. 116 et seq). Dan neccessarjament ifisser li l-attur permezz tax-xoghol il-gdid spicca ghandu bejn erba' mitt Euro (€400) u hames mitt Euro (€500) anqas paga fix-xahar minn kemm kellu meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

"Illi min-naha l-ohra jirrizulta konfermat mix-xhieda tal-konvenuta (fol. 96 et seq) li hija ilha ghall-perjodu ta' erba' snin tahdem (dan minn wara li giet iffirmata s-separazzjoni) u ghandha paga ta' bejn hames mija u hamsin Euro (€550) u sitt mitt Euro (€600) fix-xahar. Fl-istess waqt baqghet tircievi l-manteniment ghall-ammont ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) fix-xahar minghand l-attur. B'dana li d-dhul mensili taghha ghal dawn l-ahhar erba' snin kien ta' mill-anqas disa' mitt Euro (€900) fix-xahar. Fl-istess waqt il-konvenuta kkonfermat li hija wkoll, wara l-kuntratt ta' separazzjoni, wirtet xi proprjeta' wara l-mewt ta' missierha.

"Jirrizulta li minhabba l-bdil fic-cirkustanzi l-attur l-ewwel intavola medjazzjoni u konsegwentement stante nuqqas ta' qbil, intavola l-kawza odjerna sabiex jitnaqqas il-manteniment dovut minnu lil martu kull xahar u sabiex l-istess tnaqqis mill-manteniment jigi rifless u mnaqqas mis-somma '*lump sum'* dovuta lill-mara skont il-ftehim bejniethom fil-kuntratt ta' separazzjoni mal-bejgh tad-dar matrimonjali u dan skont it-talbiet kif suesposti. Il-konvenuta qed topponi ghat-talbiet tal-attur u qajmet ukoll eccezzjoni ta nkompetenza ta' din il-Qorti.

"**L-Eccezzjoni ta' inkompetenza:**

"Illi l-eccezzjoni tal-konvenuta taqra kif isegwi:

"'Illi preliminarjament, jirrizulta illi hekk kif gie maqbul fuq il-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu, l-attur irrinunzja ghal kwalsiasi dritt ta' varjazzjoni tal-istess kuntratt b'mod car, esplicitu u li ma jhalli ebda lok ghal ebda interpretazzjoni tant illi gie specifikament maqbul illi:

"Il-partijiet jaqblu illi dan il-kuntratt huwa per saldu ghad-drittijiet u pretensjonijiet reciproci kollha u li ebda disposizzjoni minnu ma tista tigi mibdula ghall-ebda raguni kemm pre-ezistenti kif ukoll soppravenjenti nkluza l-annullament taz-zwieg jew id-divorzju, hlief jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet.

"Illi jirrizulta ghalhekk illi l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti giet esplicitament eskluza mill-partijiet li bl-iktar mod car qablu u ftehmu, bil-kunsens ta'dina l-Onorabbli Qorti stess kif diversament preseduta li kwalsiasi varjazzjoni tal-kuntratt ghandha ssir biss u esklussivament bi qbil bejn il-partijiet.'

"L-attur da parti tieghu jirrispondi ghal din l-eccezzjoni billi jsostni fis-sottomissjonijiet tieghu li huwa permezz tal-klawsola msemmija fl-ebda

mument ma eskluda d-dritt tieghu li jirrikorri quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu provduti espressament mill-ligi. Isostni li bl-uzu ta' dik il-klawzola li tintuza hafna f'kuntratti ta' separazzjoni l-partijiet zgur ma jkunux qeghdin jiftehmu li d-drittijiet li taghti l-ligi ghall-partijiet li jkunu lahqu kuntratt ta' separazzjoni ma jkunux japplikaw bejniethom.

"L-attur isostni li ai termini tal-artikolu 21 (1) tal-Kap. 16 il-Ligi taghti d-dritt lil min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "*jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz*" jekk "*jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu*", (vide l-artikolu 21(1) tal-Kodici Civili). Isostni wkoll li l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn il-manteniment '*ex lege*' jew dak '*ex contractu*' b'dana li jisnsiti li dan ir-rimedju bil-ligi japplika anki ghal min ikun lahaq separazzjoni b'mod bonarju permezz ta' kuntratt pubbliku.

"L-attur jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu l-artikolu 54 (9) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> "'Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-kaz. Izda, meta tkun thalset somma globali jew tkun inghatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li thallas manteniment lill-parti l-ohra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti ghall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Izda meta s-somma globali tkun thalset jew il-proprjetà tkun inghatat bhala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-Qorti ghandha, meta tordna l-hlas tas-somma globali jew l-ghoti tal-proprjetà, fl-istess hin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jigri wara ghandu f'dan il-kaz ikun japplika biss ghal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon ghaliha.'

"L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghaddi wkoll sabiex jelenka diversa gurisprudenza li awtorizzat il-bdil fil-manteniment anki dak iffissat f'kuntratti ta' separazzjoni, gurisprudenza li tiddikjara li ma hemmx distinzjoni bejn manteniment ordnat mill-Qorti u dak maqbul f'kuntratt pubbliku fosthom:

> "*'Fis-sentenza fl-ismijiet **Zahra Saviour vs Zahra Maria Antionette pro et noe** deciza fit-13 ta' Lulju 2001 mill-Qorti tal-Appell saret referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe** fejn dwar l-artikolu 21 intqal li:*
>
> > *"Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".'*

"F'kaz li dak suespost ma japplikax l-attur jaghmel referenza wkoll ghall- principju ta' '*Nemo ad impossibilia tenetur'* ai termini tal-artikolu 985 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malti li jaqra kif isegwi:

"'Il-hwejjeg impossibbli, jew ipprojbiti mil-ligi, jew kuntrarji ghall-ghemil xieraq, jew ghall-ordni pubbliku, ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt.'

"L-attur jikkwota diversa gurisprudenza fosthom kif isegwi:

"'***Walter Borg St John vs Christine Borg St John*** *deciza fil-31 ta' Mejju 2002 mill-Prim'Awla, Qorti Civili fejn gie ritenut li:*

""*…id-**dottrina tan-nemo ad impossibilia tenetur li applikat ghal dawn il-kazijiet wasslet ghal diversi sentenzi fejn il-manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali gie varjat mill-Qorti a bazi ta' dan il-principju.** Biex ikun applikabbili dan il-principju ghalhekk huwa ta' aktar rilevanza l-element ta' l-impossibbilita' milli dak tat-tibdil fic-cirkostanzi. Mill-banda l-ohra jrid verament ikun hemm impossibbilita' ta' min qed jitlob biex jitnaqqas l-ammont in kwistjoni u impossibbilita' ma tfissirx tbatija jew sagrificcju li jridu jigu sofferti minn min bl-agir tieghu volontarjament accetta certu kondizzjonijiet f'kuntratt konsenswali.'*

"Illi fis-sottomissjonijiet taghha l-konvenuta taghmel referenza ampja ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Alfred Grech vs. Pauline Grech datata 16 ta'April, 2004 u l-istess ser taghmel din il-Qorti. Fl-aktar parti saljenti taghha din id-decizjoni taqra kif isegwi:

***'KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI***

*6. L-appell ta' l-attur hu bbazat kemm fuq aggravji ta' indole legali kif ukoll ta' fatt.*

*Taht l-aspett legali, l-appellant jissottometti li filwaqt li hu jaqbel ma' l-ewwel Qorti li l-principju ta' nemo ad impossibilia tenetur ghandu japplika dejjem, mhux jaqbel ma' l-ewwel Qorti meta din ghazlet li ssegwi dak li gie ritenut fil-kawza in re: V. Camilleri pro et noe – vs – M.F.A. Kareem deciza fit-2 ta' Novembru 1994 li d-dispozizzjonijiet li hemm fl-Artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kap. 16 ma japplikawx ukoll f'kaz ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet ex contractu. La l-ligi ma tiddistingwix, ma kienx lecitu ghall-Qorti li tohloq distinzjoni hi bejn manteniment hekk pattwit minn iehor moghti xort' ohra, jigifieri gudizzjarjament – hekk jirreferi ghas-sentenza ta' din il- Qorti in re M. Vella – vs – M. Vella deciza fil-11 ta' Jannar 1996. Apparti li tali distinzjoni ma tohrogx mil-ligi, jghid l-appellant, fi kwalunkwe kaz is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kienet tali li kienet tinkwadra ruhha taht il-fattispecje ta' impossibbilita' kif jissemma' u skont kif ftiehem mal-kontro-parti konvenuta, fejn hemm ragunijiet ta' sahha u ohrajn li hu ma kellux kontroll fuqhom. L-appellant lanqas jaqbel ghal kollox ma' dak li gie ritenut fil-kawza surreferita Vella utrinque in kwantu din irriteniet ukoll li l-kriterji applikabbli meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment fis-sens li l-kriterji applikabbli mill-Qorti f'kazi ta' din ix-xorta huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie mpost mill-Qorti.*

*7. Il-Qorti ezaminat din il-parti ta' l-aggravju u fil-fehma taghha dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett. Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew*

*ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda nflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas r-retta alimentari, f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn. Jekk dan kollu ma fehmux il-legali ta' l-attur, l-attur jidher li kien konsapevoli ghall-ahhar tieghu. Di fatti, minn ezami ta' dak li ddepona l-attur fl-affidavit tieghu datat it-22 ta' Frar 1999, huwa jaghmel hiltu biex jipprova juri li meta ffirma l-ftehim ta' separazzjoni ma kien f'siktu xejn, anzi addirittura ffirmah kontra l-parir ta' l-avukat tieghu li kien dakinhar jippatroncinah. F'parti mill-affidavit tieghu (ara Dok AG, fol 34, it-tieni paragrafu) l-appellant jghid hekk,*

> *"Niftakar sewwa illi jiena kont insistejt li niffirmaw is-separazzjoni ghaliex tant kont ninstab imwegga' u taht stat ta' ansjeta', li l-ghalkemm l-avukat tieghi ta' dak iz-zmien tani parir sabiex ma niffirmax il-kuntratt, jiena xorta nsistejt u qbilt li niffirma taht dawn il-kundizzjonijiet ghalkemm kienu difficli ferm".*

*Min-naha l-ohra pero', ghandu jinghad illi sakemm dan il-ftehim ma jigix impunjat, ma hemm assolutament l-ebda raguni l-ghala din il-Qorti, jew kwalsiasi Qorti ohra, ghandha tqisu bhala wiehed vizzjat u l-attur lanqas ma jista' jippretendi li jiehu xi vantagg billi ex admissis jistqarr li mexa' (jekk inhuwa tassew hekk) b'mod irresponsabbli.*

*8. Fi kwalsiasi kaz pero', dejjem taht l-aspett legali, din il-Qorti frankament ftit fehmet il-ghala l-partijiet kellhom jelaboraw daqstant in iskritt dwar x'posizzjoni kellha tiehu l-Qorti fil-kaz in ezami una volta li jirrizulta li l-kuntratt stess – dejjem fil-kaz kongruwu – isemmi espressament u jahseb li f'kaz li jkun sehh tibdil fil-qaghda finanzjarja ta' l- attur tibqa' l-possibbilita' li jkun hemm revizjoni tar-retta alimentarja. Di fatti, il-kuntratt de quo (ara Dok $A_2$ fol 7 tal- process, Klawsola VI) inter alia jipprovdi li gej,*

> *"Appearer Alfred Grech hereby obliges himself to pay unto his wife appearer Pauline Grech the weekly sum of fifty four liri (Lm54), payable monthly in advance with effect from today as his contribution towards the maintenance of the said minor child Terrance Grech, which payment shall cease upon the child's attainment of majority, and shall be suspended during any period during which that minor child has full time gainful employment, but shall not be in any way revised, reduced or otherwise affected, should the said appearer Pauline Grech have any full or part time employment or otherwise possess any income wheresoever derived. The maintenance set out in this*

*paragraph shall be revised on the first (1st) day of June, of the year one thousand nine hundred and ninety six (1996), and of every second year thereafter in accordance with cost of living increases as such increases result (sic) from the Index kept for that purpose by the competent authorities. Saving in the manner and to the extent set out in this clause, the maintenance payable by appearer Alfred Grech shall not be subject to any further revision, reduction or increase, saving that where for a period of indefinite duration and on account of serious causes arising independently of the will of Appearer Alfred Grech, there is substantial reduction in the income of the said appearer Alfred Grech, which prevents or seriously reduces his ability to pay the manitenance set out herein, the said appearer Alfred Grech shall be entitled to demand the reduction of the maintenance payable in terms of this deed". (Sottolinear tal-Qorti).*

*Jidher car daqs il-kristall li fil-fatt il-partijiet kontraenti kienu altru milli nvestew il-punt dwar possibbilita' o meno ta' revizjoni. Kwindi, din il-Qorti qajla tifhem l-iskop li ghalih kien hemm ghalfejn jinkitbu monografiji dwar id-dritt o meno ta' revizjoni f'dan il-kaz, kif intqal aktar qabel. Fi kliem iehor, kienet allura merament kostatazzjoni ta' fatt jekk kienx hemm cirkostanzi tali bhal dawk li jissemmew fil-klawsola surrefita li jiggustifikaw revizjoni 'l isfel tar-retta mhallsa mill-attur ghall-fini ta' manteniment.*

*9. Jinghad inoltre li l-attur, proprju bil-maqlub ta' l-impressjoni ta' desolazzjoni, ansjeta' u dizgwid mal-legali tieghu li jipprova jaghti fl-ewwel parti ta' l-affidavit tieghu, ikompli in segwitu hekk, "Niftakar li fuq insistenza ta' l-avukat tieghi ta' dak iz- zmien li konna emendajna l-kuntratt bi klawsola dettaljata aktar mill-ohrajn ghal dak li jirrigwarda l-pagament tal-manteniment. Di fatti klawsola numru (vi) tal-kuntratt tas-separazzjoni datat 3 ta' Awissu 1995 hemm stipulat b'mod car li revizjoni u riduzjoni f'dan l-ammont tista' tigi permessa f'kaz li jiena ndum minghajr impieg jew f'kazijiet fejn jiena nitqieghed f'kundizzjoni serja indipendenti mir-rieda tieghi sabiex inhallas dik ic-cifra. Il-paragrafu (vi) di fatti jaghlaq bid-dritt li jiena nista' nitlob riduzzjoni f'dan il-manteniment skont il-kuntratt." (Sottolinear tal-Qorti).*

*Din is-silta mill-affidavit (ara Dok AG fol 34 tal-process) hija riflessjoni ta' mohh li qieghed jahseb b'mod lucidu u ta' agir garbat u bis-sens.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti inoltre, darba li l-partijiet stess kienu espressament ipprovdew kwantu ghall-possibbilita' o meno ta' revizjoni tar-rata ta' manteniment, ma kienx hemm skop li l-partijiet joqghodu jintilfu f'sottomissjonijiet fit-tul dwar distinzjoni bejn manteniment iffissat gudizzjarjament minn iehor pattwit bejn il-konjugi b'kuntratt. Se mai, haga bhal din setghet tqum kemm-il darba l-ftehim ma kien jipprovdi xejn, li m'huwiex hekk f'dan il-kaz.'*

"Illi din il-Qorti gharblet sew il-kliem uzat mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom b'mod partikolari dak ikkwotat aktar 'il fuq u mill-istess kliem uzat tasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

"(1) Taht it-titolu 'Manteniment' issir referenza diretta ghar-rabta bejn il-pagament tal-manteniment u l-'*lump sum payment'* miftiehem bejn il-partijiet b'dana li l-Qorti tifhem li l-partijiet kienu qed jifhmu l-importanza u l-import tal-ftehim ta' bejniethom dwar il-pagament tal-'*lump sum'* ghas-somma miftehma ta' wiehed u sebghin Elf u erba' mitt Euro (€71,400);

"(2) Il-klawzola li taghmel referenza ghal kif ghandha tithallas il-*lump sum payment* taqra specifikatament illi din giet iffissata 'b'riferenza ghall-posizzjoni tal-partijiet fid-data ta' dan l-att b'dana li l-Qorti tifhem li l-partijiet kienu jafu ben tajjeb li s-somma giet iffissata darba ghal dejjem u eskludew li din tinbidel f'kaz li jkun hemm bdil fic-cirkustanzi taghhom. Dan huwa aktar accennwat mill-fatt li gie dikjarat fl-istess kuntratt li la darba din is-somma tithallas il-mara ma kienet ser tippretendi l-ebda hlas iehor bhala manteniment u dan anki f'kaz ta' bdil ta' cirkustanzi;

"(3) Finalment il-klawzola li biha l-partijiet qablu li ebda disposizzjoni tal-kuntratt ma setghet tigi mibdula hija carissima u ma thalli l-ebda lok ghalli-nterpretazzjoni. Il-Qorit tinnota li espressament tnizzel li ebda klawzola ma tista' tinbidel u gie espressament maqbul li dan kellu japplika wkoll ghal ragunijiet sovpravenjenti l-kuntratt, ragunijiet bhalma huma dawk moghtija mill-attur fil-kawza odjerna. Din il-klawzola fuq kollox tapplika anki ghall-mara li rrinunzjat ghat-talba sabiex titolob manteniment ghola mill-*'lump sum'* miftehma nonostante bdil fic-cirkustanzi. Din il-klawzola fl-ahhar pagna tal-kuntratt hija carissima li l-partijiet qablu li ma kellu jkun hemm lok ghall-ebda qbil u l-Qorti tifhem l-emfazi ta' din il-klawzola ghall-kuntratt kollu stante li l-klawzola tal-'*lump sum payment'* tista' tghid hija l-aktar klawzola mportanti fil-kuntratt wara dik tal-bejgh tad-dar matrimonjali u l-partijiet riedu jkunu certi li din ma tinbidilix biex b'hekk il-posizzjoni taghhom tkun wara cara u dan wara min jaf kemm saru trattattivi bejn il-partijiet sabiex fl-ahhar waslu ghall-ftehim bonarju. Il-Qorti tqis illi kieku kellha tilqa' t-talba tal-attur li tvarja l-manteniment dovut u l-'lump sum' miftiehem minhabba l-bdil fic-cirkustanzi tieghu allura tkun qed iggib il-kuntratt ta' separazzjoni bejniehtom fix-xejn ghaliex terga' tiftah berah kwistjonijiet ohra bhalma hu manteiment aktar dovut lill-mara f'kaz tal-bdil tac-cirkustanzi taghha b'dana li l-ftehim dwar il-*'lump sum'* jigi rez inutli.

"(4) Illi izda din il-Qorti tifhem ukoll mill-kliem uzat fil-kuntratt b'mod partikolari terga' ssemmi l-emfasi fuq il-kliem li li l-'*lump sum payment'* miftehma tirrifletti l-posizzjoni tal-partijiet fid-data tal-att u wkoll izda ssemmi s-salvagwardja kontenuta fil-kliem 'mill-ammont imsemmi ta' wiehed u sebghin elf u erba' mitt Euro (€71,400) ghandha titnaqqas somma ekwivalenti ghall-hlas ta' manteniment effettiv li jkun thallas mid-data ta' dan l-att sad-data tal-bejgh tad-dar" li jevidenzjaw ukoll lil din il-Qorti li l-partijiet kellhom f'mohhom li seta' jkun hemm sitwazzjoni fejn il-manteniment dovut ma jkunx thallas kollu kif dovut skont il-kuntratt sad-data tal-kuntratt ta' bejgh b'dana li assiguraw li kwalunkwe ammont nieqes kellu jithallas mill-attur fil-kuntratt.

"Dak kollu suespost jevidenzja lil din il-Qorti u jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li fir-rigward tas-somma ta' manteniment dovuta ekwivalenti wkoll ghas-somma ta' '*lump sum payment'* maqbula bejn il-partijiet cioe' dik ta' wiehed u sebghin elf u erba' mitt Euro (€71,400) ghandu japplika l-principju ta' *pacta sunt servanda* u ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandha l-ebda kompetenza fil-ligi li tvarja l-istess.

"Min-naha l-ohra dwar is-somma ta' manteniment mensili pagabbli mill-attur pendenti l-bejgh tal-fond matrimonjali l-Qorti tqis li l-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt ma eskludewx il-possibilita' li xi parti minn dan il-manteniment ma jithallasx mensilment tant li dahhlu s-salvagwardja li fi kwalukwe kaz dan jithallas mal-bejgh tal-kuntratt. Il-Qorti ghalhekk tqis li huwa limitatament f'dan l-ambitu li hija ghandha l-kompetenza li tvarja s-somma li ghandha fattwalment tithallas mill-attur lill-konvenuta kull xahar pendenti l-bejgh tal-fond matrimonjali b'dana izda li meta l-partijiet jaslu ghall-bejgh, dak li ma jkunx thallas mensilment ghandu jigi nkluz fis-somma '*lump sum'* li tkun ghadha dovuta mill-attur lill-konvenuta. Dan ovvjament f'kaz li verament jezistu cirkustanzi li jimmeritaw li s-somma mensili dovuta tigi temporanjament imnaqqsa.

"Illi l-Qorti wara li gharblet il-provi rat li l-partijiet prezentement jinsabu f'sitwazzjoni fejn l-attur minn paga ta' madwar tmien mitt Euro (€800) netta fix-xahar jrid jghaddi tliet mija u hamsin Euro (€350) fix-xahar lil martu bhala manteniment b'dana li sabiex jghix u jhallas id-dejn li ghandu jibqalu anqas minn hames mitt euro fix-xahar (€500). Minn naha l-ohra l-konvenuta ghandha paga ta' aktar minn hames mija u hamsin Euro (€550) fix-xahar u tircievi manteniment ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) b'dana li fix-xahar ghandha dhul ta' mill-anqas disa' mitt Euro (€900). Din il-Qorti tqis din is-sitwazzjoni bhala wahda naccettabli u dan anki fl-interess tal-ordni pubbliku li huwa suprem u aqwa minn kull ligi u ftehim. Din il-Qorti ma tistax thalli sitwazzjoni fejn l-attur bil-kemm ghandu biex jghix ghaliex qed jigi obbligat ihallas manteniment ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) ix-xahar filwaqt li l-attrici ghaddejja hajja ferm aktar komda. Din il-Qorti taghmilha cara li mihijiex qed tqis din bhala sitwazzjoni ta' impossibilita' tal-attur li jhallas ghax fil-fatt il-hlas jista' jsir u hemm minfejn isir mill-attur izda l-ftit flus li jibqalu zgur li qed irendilu hajtu ferm difficli meta min- naha l-ohra l-bzonn tal-konvenuta pendenti l-bejgh tal-fond m'ghadux daqshekk ingenti daqs kemm kien meta giet iffirmata s-separazzjoni. Din il-Qorti tifhem ghalhekk it-talba tal-attur sabiex f'dawn ic-cirkustanzi ma jibqax obbligat li jhallas manteniment ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) fix-xahar pendenti l-bejgh tal-fond matrimonjali b'dana izda li ma taqbilx mieghu li hija ghandha anzi lanqas tista' tnaqqas is-somma '*lump sum'* miftehma minghajr ebda eccezzjoni bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi tal-partijiet kif inhuma llum ghandha tordna li s-somma ta' manteniment dovuta mill-attur lill-konvenuta kull xahar ghandha tigi ridotta ghas-somma ta' mitt Euro (€100) u dan sabiex kull parti titpogga presso o poco fl-istess posizzjoni finanzjarja kull xahar pendenti l-bejgh tal-fond matrimonjali, b'dana izda li d-differenza ta' mitejn u hamsin Euro (€250) imhallsa anqas fix-xahar mill-attur sad-data tal-bejgh tad-dar matrimonjali ghandha tibqa' tinghad bhala parti mill-manteniment dovut ai fini tal-kalkolazzjoni tal-*'lump sum payment'* skont il-kuntratt fit-total ta' wiehed u sebghin Elf u erba' mitt Euro (€71,400) liema somma mhux qed tigi varjata b'din id-decizjoni.

> "Illi dwar l-ispejjez tal-kawza l-Qorti tqis li z-zewg partijiet setghu, facilment, li kieku ma webbsux rashom anki fi stadju ta' medjazzjoni, jaslu ghall-kompromess li qed tasal ghalih din il-Qorti permezz ta' din id-decizjoni u ghaldaqstant tqis li ghandhom ibaghtu l-ispejjez tal-kawza ugwalment bejniethom".

## L-Appell tal-Intimata

6. L-intimata pprezentat ir-rikors tal-appell taghha fl-20 ta' Marzu 2017, fejn talbet lil din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li ma kellhiex il-kompetenza li tbiddel is-somma ta' €71,400 rapprezentanti l-*lump sum payment* dovut fir-rigward tal-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u cahdet it-tielet u r-raba' talba attrici, tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata u tikkonferma r-retta alimentari mensili fl-ammont ta' €350 kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni. Hi fissret l-aggravji taghha kif gej: Li, ghalkemm il-kuntratt ta' separazzjoni ma kienx ighid li l-ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza tiddeciedi dwar bdil fir-retta alimentari dovuta, dan seta' jkun possibbli biss f'cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta' tal-attur; l-ewwel Qorti ghamlet osservazzjonijiet skorretti dwar l-impjieg tal-partijiet; il-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet il-konteggi ma kien isegwi l-ebda logika matematika u it-tnaqqis fil-manteniment mensili dovut kellu jkun bazat fuq it-tnaqqis effettiv bejn il-paga minima prezenti tar-rikorrent u dik li kellu meta sseparaw.

Ir-Risposta tal-Appell

7. Fir-risposta tal-appell, ir-rikorrent iwiegeb li l-aggravji mressqa mill-intimata mhumiex gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu respinti. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, jissottometti li permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni hu bl-ebda mod ma kien irrinunzja ghad-dritt tieghu li jirrikorri quddiem il-qorti sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu skont il-ligi. Inoltre il-ligi stess taghti rimedju wkoll lil min ikun lahaq separazzjoni b'mod bonarju permezz ta' kuntratt pubbliku. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet kompetenti sabiex tiddeciedi l-kaz odjern. Ir-rikorrent ikompli jghid li c-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet rispettivi kienu tbiddlu, tieghu kienet marret ghall-aghar u tal-intimata ghall-ahjar, u ghalhekk kien hemm raguni ghaliex ir-rata mensili ta' manteniment kellha tigi mibdula. Fuq kollox, kif qalet l-ewwel Qorti, kellu jigi rispettat il-principju tal-ordni pubbliku. Dwar it-tieni aggravju, ir-rikorrent jissottometti li hu risaput li Qorti tat-tieni istanza m'ghandhiex tbiddel facilment l-interpretazzjoni tal-fatti moghti minn Qorti tal-ewwel istanza li hi f'posizzjoni ferm ahjar sabiex taghmel apprezzament ta' dawk il-fatti, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. F'kwalunkwe kaz, ir-rikorrent jirrileva li dan l-aggravju hu nfondat fil-mertu tieghu. Meta l-intimata tissottometti taht it-tielet aggravju taghha li l-konteggi tal-ewwel Qorti kienu saru hazin, jekk wiehed iqies il-punti li l-istess intimata tissoleva, xorta wahda jibqa' l-fatt li hi taqla' €600 fix-xahar u ghalhekk l-aggravju taghha kellu jigi respint. Dwar ir-raba' aggravju, ir-rikorrent jissottometti li l-ezercizzju tal-Qorti fit-tnaqqis tal-manteniment

mensili dovut lill-intimata kien fil-fatt sar fuq it-tnaqqis effettiv fid-dhul tal-attur u ghalhekk id-decizjoni kienet wahda ferm proporzionata.

L-Appell Incidentali tar-Rikorrent

8. Ir-rikorrent ipprevalixxa ruhu mill-appell interpost mill-intimata sabiex iressaq appell incidentali fejn jispjega li hu ihossu aggravat bis-sentenza appellata limitatament ghad-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li hi ma kinitx kompetenti tvarja s-somma globali ta' manteniment miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni. Galadarba gie mnaqqas il-manteniment, il-*lump sum payment* kellha titnaqqas bl-istess mod u hawn jaghmel referenza ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 54[9] tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll ghall-fatt li l-partijiet ma eskludewx fil-kuntratt imsemmi l-possibilita` li din tigi ridotta. Ghalhekk ir-rikorrent qed jitlob li ldin il-Qorti sabiex:

> "…filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, hija tirrevoka tali sentenza limitatament in kwantu laqghet limitatament l-ewwel eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuta fejn iddikjarat li ma ghandha l-ebda kompetenza tvarja s-somma globali ta' manteniment mifthema bejn il-partijiet riferuta wkoll bhala 'lump sum payment' fl-ammont ta' €71,400 fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 3 ta' Awwissu, 2012"*.*

Ir-Risposta tal-Intimata ghall-Appell Incidentali

9. L-intimata wiegbet fit- 8 ta' Gunju 2017 fejn tesprimi l-opinjoni taghha li s-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward tan-nuqqas ta' kompetenza taghha ghat-talba tar-rikorrent ghal bdil tal-*lump sum*

*payment* kienet gusta u korretta u ghalhekk kienet timmerita konferma. Tispjega li permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni stess, il-partijiet kienu qablu li kull tibdil tal-istess kuntratt kellu jsir "**esklussivament bi qbil bejn il-partijiet**"[2].

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-ewwel aggravju tal-intimata: [l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda kompetenza biex tbiddel ir-retta alimentari mensili]*

10. L-intimata qeghda ssostni li mhux tajjeb l-argument tal-ewwel Qorti li l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu eskludew ghal kollox il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja skont il-principju *pacta sunt servanda*. Dik il-Qorti irrilevat li minhabba l-ordni pubbliku, hi ghandha kompetenza residwali biex tiddeciedi dwar il-pagamenti mensili ta' manteniment. Il-klawsola miktuba fil-kuntratt kienet tant cara u inekwivoka li dan ma setax jinbidel hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet. Sabiex issostni s-sottomissjoni taghha, l-intimata taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Alfred Grech v. Pauline Grech**[3] u elenkat dak li hi tghid huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru sabiex l-ewwel Qorti jkollha kompetenza residwa. Ticcita wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg v. Nicole Borg**[4] u tghid li l-ewwel Qorti

[2] [enfazi taghha].
[3] 16 ta' April 2004.
[4] 30 ta' Novembru 2012.

waslet ghal decizjoni skorretta u dikjarazzjonijiet kontradittorji ghall-principji konfermati f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti. Ghalhekk fid-dawl tal-principju legali *pacta sunt servanda* u fin-nuqqas ta' talba u tal-ezistenza ta' cirkostanzi li jimmeritaw deroga skont il-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda kompetenza tiddeciedi li tbiddel ir-retta alimentari miftehma bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni.

11. Ir-rikorrent min-naha tieghu jwiegeb li fl-ebda mument hu ma kien warrab id-dritt tieghu li jmur quddiem il-Qorti sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu skont il-ligi. Hu jispjega li l-klawsola li fuqha kienet qeghda tistrieh l-intimata ghal dan l-aggravju kienet wahda komuni ghal kwazi kull kuntratt ta' separazzjoni u kienet biss tfisser li jekk tinbidel is-sitwazzjoni legali jew l-istat civili ta' xi hadd mill-partijiet, il-kuntratt jibqa' validu. Izda bl-ebda mod ma dan kien iffiser li kienu wkoll b'hekk spiccaw id-drittijiet moghtija lilhom mil-ligi u dan ukoll fir-rigward tal-bdil fl-obbligu tal-manteniment biex dan jispicca jew jitnaqqas skont ic-cirkostanzi ta' minghand min ikun jispetta. Ir-rikorrent jorbot l-argument tieghu mal-Artikolu 21 Kodici Civili wkoll mas-subartikolu 54[9] tal-istess Kodivci. Jiccita diversi sentnezi kemm tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u wkoll ta' din il-Qorti, u jsostni li l-ligi ma taghmilx differenza bejn manteniment *ex lege* u dak *ex contractu.* Jispjega li wara kollox is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu llum kienet wahda ta' natura gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-

volonta` tieghu, li ghalhekk kienet tiggustifika ghaliex il-manteniment kellu jigi mibdul. B'hekk jghid li kellu jigi kkonsidrat l-impossibbilita` li hu jhallas l-ammont pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni u jigi applikat il-principju ferm rilevanti fic-cirkostanzi tar-rispett tal-ordni pubbliku.

12. L-ewwel Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal dawk il-partijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni li huma rilevanti ghall-kwistjoni ta' manteniment, qieset li meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni huma ma eskludewx il-possibbilita` li xi parti mill-manteniment dovut ma jithallasx mensilment ghaliex sahansitra ftehmu li f'dak il-kaz is-somma tithallas mal-bejgh tal-fond matrimonjali. B'hekk l-ewwel Qorti ddecidiet li kellha l-kompetenza li tvarja l-manteniment dovut kull xahar minghand ir-rikorrent.

13. Din il-Qorti tissenjala li fil-kaz odjern il-kuntratt tas-separazzjoni ma jeskludix il-kompetenza ta' din il-Qorti li tiehu konjizzjoni ta' vertenzi li jinqalghu rigwardanti l-istess kuntratt. Minn naha l-ohra pero` jibqa' ferm li bhala regola ferma japplika l-principju *pacta sunt servanda* li jaghti forza ta' ligi lil dak li jkunu ftehmu l-partijiet, salv ghad-dritt tal-qorti li tintervjeni f'vertenzi li jirrigwardaw il-minuri. Dan il-principju hu rifless fil-ligi taghna fejn l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "[1] Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.

> "[2] Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi."

14. Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak mifthiehim f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss lill-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "*ta' natura gravi, eccezzjonali jew indidpendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibbilita` li jhallas ir-retta alimentali [pattwita`] allura f'kazi simili jista' jkun hekk lok ghal varjazzjoni*".[5] Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk, sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibbilita` estranea ghal volonta` tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu.

15. Ferm il-premess din il-Qorti tissenjala li, filwaqt li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li fil-kaz odjern huwa mankanti l-fattur tal-impossibbilita` da parti tar-rikorrenti li jkompli jhallas lill-intimata il-manteniment pattwit,[6] ghaddiet sabiex tvarja l-ammont mensili li kellu jigi somministrat lill-intimata. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan. Probabbiment l-ewwel Qorti kkonsidrat li eventwalment, mal-bejgh tad-dar matrimonjali, fil-komputazzjoni ta' dak li ghandu jitnaqqas mill-rikavat tal-bejgh l-intimata ser tiehu dak kollu dovut lilha bhala manteniment. Izda din il-Qorti ma

[5] App.Civ. Nru 24791996 deciz 16 ta' April 2004 **Alfred Grech v. Pauline Grech pro et noe.**
[6] Pg.14 "Din il-Qorti taghmilha cara li mhijiex qed tqis din bhala sitwazzjoni ta' impossibilita' tal-attur li jhallas…."

taqbilx li dan l-hsieb huwa korrett. Fl-ewwel lok, ghax *per regola* l-manteniment huwa somministrat minhabba l-bzonn fiz-zmien li jkun dovut u, fit-tieni lok u b'aktar qawwa jinghad li, ladarba ma giex provat il-fattur tal-impossibbilita`, anzi l-ezistenza ta' dan il-fattur giet espressament eskluza mill-ewwel Qorti, dik il-Qorti ma setghetx tvarja dak pattwit bejn il-partijiet.

16. Inoltre, il-fatt li r-rikorrent dehrlu li kellu jbiddel l-attivita` tieghu bl-iskop genwin li jtejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tieghu mhijiex gustifikazzjoni valida sabiex jinbidel l-obbligu kontrattwali tieghu. Din il-Qorti tosserva li, qabel ma ha d-decizjoni li jbiddel ix-xoghol tieghu, huwa kien fid-dmir li, qabel kollox, jiehu kont tal-obbligu li jhallas l-ammont ta' manteniment espressament assunt minnu fil-kuntratt tas-separazzjoni. Jekk id-decizjoni mehuda minnu volontarjament, u mhux ghax kien kostrett minn cirkostanzi, bhal nghidu ahna, telf ta' impjieg minhabba mard li allura m'ghandux kontroll fuqu, irrizultat li kienet zbaljata din m'ghandhiex taffettwa negattivament id-dritt tal-intimata li tircevi l-ammont pattwit. Huwa r-rikorrent wahdu li ghandu jerfa' il-piz tad-decizjoni zbaljata tieghu u li l-intimata ma kellhiex sehem minnha, anzi fir-rigward ir-rikorrent jghid: "*Flok fehmitni, marti qaltli li jien ma messnix tlaqt ix-xoghol li kelli u hadt dan il-hanut*"[7]. Barra minn hekk mhuwiex gust li l-

[7] Aff. Fol.40

fatt li l-intimata kienet hasset il-bzonn li tohrog tahdem sabiex tawmenta l-introjtu taghha, dan jittiehed bhala fattur kontra taghha.

17. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz ma jirrizultax ir-rekwizit necessarju li jidderoga mill-principju *pacta sunt servanda* b'mod li r-rikorrent ma jistax jigi ezonerat milli jadempixxi l-obbligi kontrattwali tieghu, kemm ghal dak li jirrigwarda l-ammont tal-manteniment kif ukoll ghall-ammont tal-*lump sum payment* dovuta lill-intimata mal-bejgh tad-dar matrimonjali.

Ghaldaqstant tqis l-ewwel u t-tieni aggravji gustifikati fil-limiti tal-kunsiderazzjonijiet premess u qed tilqaghhom.

Rigward il-kumplament tal-aggravji, din il-Qorti tosserva li, la darba gew milqugha l-ewwel zewg aggravji mhux il-kaz li din il-Qorti tikkunsidera ulterjorment il-kumplament tal-aggravji.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell principali tal-attrici u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimata, tichad it-talbiet tar-rikorrenti; tichad l-appell incidentali.

L-ispejjez tal-ewwel istanzi jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell principali u tal-appell incidentali jibqghu a kariku tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb